MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru. 405/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO MAGRI**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**KONTRA**

**MICHAEL MIFSUD ta’ 26 sena, iben Francis u Maria Dolores nee’ Curmi, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-06.12.1985, resident fil-fond Golden Eagle, Trejqet San Frangisk, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 12286M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Michael Mifsud** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' April, ghall-habta tas-2.15 ta' fil-ghodu, fi Triq Ghajn Dwieli, Bormla, dolozament bil-hsieb li joqtol lil PC 1384 Felix Sammut, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew li jqieghdlu hajtu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi spara arma tan-nar (senter) fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

3. U aktar talli fl-istes data, u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'post pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, zamm u garr l-istess arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tighu, arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

6. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjon, xort'ohra milli mill-licenzja, naqas illi minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz;

7. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni EQZ018 b'manjiera perikoluza u negligenti;

8. U aktar talli fl-istess cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni EQZ018 kontra diversi sinjali tat-traffiku ndikati b'dawn l-inhawi;

9. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni EQZ018, habat ma' vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ROW682 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Rowena d'Amico;

10. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Karen Muscat skond it-Tabiba Joanna Pace mill-Isptar San Luqa;

11. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Karen Muscat skond it-Tabiba Joanna Pace mill-Isptar San Luqa;

12. U aktar talli nhar is-16 ta' Marzu, 2006, ghall-habta tat-8.20 ta' fil-ghaxija, minn Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni EQZ018 ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija F.A. Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

13. U aktar talli fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu, 2006, minn Triq l-Ghaqdiet tal-Haddiema, Bormla, ikkommetta serq ta' par pjanci tar-registrazzjoni bin-numru HBA592 li kienu fuq vettura tal-ghamla Peugeot Partner ghad-dannu tad-dirigenti tas-socjeta' Netpro Ltd, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

14. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru, 2005 u l-1 ta' Jannar, 2006, mill-fond bl-isem Farmhouse, Triq Wied ix-Xoqqa, Birzebbuga, ikkommetta serq ta' senter tal-marka Breda bin-numru serjali 157911 u oggetti ohra ghad-dannu ta' Nazzarenus Cachia, liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok, u bil-hin;

15. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, u fil-granet ta' wara dawn id-dati, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

16. U aktar talli nhar is-26 ta' April, ghall-habta tas-2.15 ta' fil-ghodu u fil-granet ta' qabel din id-data, ghamel uzu mill-vettura tal-ghamla Citroen Berlingo bil-pjanci foloz u cioe' bin-numru tar-registrazzjoni HBA592 li mhumiex registrati fuq l-istess vettura;

17. U aktar talli b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija ta' terzi persuni bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat l-Artikoli mibghutra mill-Avukat Generali, taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe':
a. Fl-Artikoli 41(1)(a), 218, 533 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 26(a), 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikoli 24(2), 33(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-Artikoli 325, 328, 226, 261(b)(f)(g)(e), 263, 267, 296, 270, 271(g), 278, 279, 280, 18, 334 tal-Kodici Kriminali;
f. Fl-Artikoli 3(1)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (seduta 14.10.2009)

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel xhud migjuba hija certa Rowena D'Amico. Din qalet illi meta kienet bil-karozza taghha Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ROW682 hdejn id-Dry Docks gewwa Ghajn Dwieli, minn side street harget karozza Citroen Berlingo bajda fuq in-naha tax-xellug, u baqghet sejra ghal fuqha. Il-karozza taghha kienet tant sofriet hsara li giet total loss. Spjegat illi konsegwenza ta' dan l-incident fuq mohhha kellha hdax-il punt, kellha anke sutturi fuq gewwa tal-ferita. Sofriet ukoll tbengil fuq idejha u saqajha. Ma' l-incident xehdet illi rat nies jigru u anke semghet sparar. Spjegat illi fil-karozza mahbuta rat tnejn min-nies hergmin minnha, u l-pulizija jigru warajhom.

Dr Mario Scerri, mahtur fl-Inkjesta f'dan l-incident, ezamina lil Rowena D'Amico. Ikkonkluda, anke minhabba l-marka permanenti fil-wicc li kienet ser thalli l-gerha li sofriet D'Amico, li din sofriet lezjoni ta' natura gravi, din kompatibbli ma' blunt trauma (folio 63).

Fidel Aquilina, direttur tas-socjeta' F.A. Limited, kumpanija li hija nvoluta fil-leasing tal-vetturi, xehed li kien gie nfurmat mill-pulizija dwar van EQZ018 tal-marka Citroen Berlingo li kien mikri ghand Aplan Limited li spicca maqbud ghand il-pulizija. Is-socjeta' F.A. Limited kienet - skond dan ix-xhud, sussidjarja tas-socjeta' Avis Limited.

Ghalhekk xehed Carmel Curmi, sales representative ma' l-Aplan xehed fuq il-vettura Citroen Berlingo li kienet mikrija minghand l-Avis. Ikkonferma li kienet insterqet fis-16, stante li dik id-data kienet il-birthday tieghu. Qal illi nizel mill-van, kemm tela' l-bankina u ra l-van jitlaq. Identifika l-van wara gewwa d-Depot mill-hgieg tinted li kellu fuq wara, ghaliex dan kien ghamlu hu. Xehed illi ghalih il-van illum kien fi stat ta' total loss.

Nazzareno Cachia xehed illi nizel Birzebbuga jixtri, kien lejlet l-ewwel tas-sena. Meta mar lura lejn daru Farmhouse, Triq ix-Xoqqa, Bormla, sab it-taqlib. Nieqes mid-dar kellu senter tal-marka Breda li kien senter b'hamsa, b'kanna wahda automatic.

Dwar il-vettura Berlingo xehed PS 545 Gabriel Micallef. Qal illi ntalbu jaghtu ghajnuna, cioe' assistenza lil unit ohra li kienu qed isegwu vettura Citroen Berlingo b'numru tar-registrazzjoni HBA592. Irrizulta mir-ricerki taghhom illi dan in-numru kien ta' vettura ohra, anzi ta' van li kien insteraq tliet gimghat qabel. Xehed illi x'hin minnhom ghamlu sinjal liz-zewg persuni f'din il-vettura biex jieqfu - dawn minflok saqu u harbu b'velocita' qawwija hafna. Saq warajhom, saret chase. Qal illi hawn huma kienu lebsin balaklavi. Saqu warajhom, ghaddew wrong way ma' roundabouts, anke telghu wrong way il-pjazza tar-Rahal Gdid. Xehed illi f'id xi hadd minnhom ra anke senter. Spjega li kif il-van hareg minn go Ghajn Dwieli, dan habat go Fiat Punto li kienet tiela' minn hemm. Minn hawn hargu t-tnejn jigru minn gol-van. Xehed illi hu gera wara certu Nelson u aktar tard qabdu, mentri siehbu PC 1384 segwa lill-persuna l-ohra.

Qal illi waqt ic-chase dawn kienu mghammda. Hin minnhom deher senter. Qal illi hu spara zewg tiri ghal fuq it-tyre ta' wara tal-van biex jipprova jwaqqafhom. Ghal xejn. Sema' anke tiri jigu sparati waqt li siehbu kien qed jigri wara l-persuna l-ohra. Sema' tliet tiri – tir minnhom ma kienx ta' arma li juzaw il-pulizija. Xehed illi aktar tard instab senter li gie uzat skondtu biex xi hadd jispara fuq siehbu. Dan il-fatt pero hu ma rahx.

L-Ispettur Carmelo Magri xehed fuq l-istqarrija ta' l-imputat li llum, minhabba l-iziviluppi li saru dwar it-tehid ta' l-istess, m'ghandhiex f'dan il-kaz ebda valur probarorju. Ezebixxa wkoll certifikat mediku fil-konfront ta' Rowena D'Amico, Dok RD u RD1; okkorrenza ta' l-incident innifsu Dok CM1; okkorrenza tas-serqa tal-van Dok CM2; okkorrenza tas-serqa tar-registration plates Dok CM3; u Dok CM4 okkorrenza tas-serqa tal-Farmhouse.

L-Ispettur Joseph Mercieca dahal fl-incident in kwistjoni ghax kien qieghed jisma’ l-insegwiment isir minn fuq radio tal-vettura tal-pulizija. Wasal fuq il-post ftit sekondi wara li sema’ fuq ir-radio li l-vettura li kienet qed tigi segwita habtet go vettura ohra. Kif wasal fuq il-post sema’ tiri jigu sparati minn naha tal-pulizija. Ra ukoll lill-pulizija jigru, min sejjer ghal gol-wied faccata tat-Tarzna, u min sejjer ghan-naha tat-Tarzna. Minn fuq ir-radio sema’ li nstabet persuna lejn Wied Blandun. Gew bil-persuna li kellha wiccha bid-demm li kien liebes balaklava u kollox iswed - dan kien certu Nelson Jose Devela Seixax, **mhux l-imputat tal-kawza in dezamina (enfasi tal-Qorti)**.

Ghamlu anke tfittxija sussegwentement fejn qabzet il-persuna l-ohra, allura t-tieni malvivent. Hemm instab senter b’kanna wahda tal-marka Breda kif ukoll balaklava.

Xehed illi fuq informazzjoni anonima marru (hu flimkien ma’ PC 971 u PS 180) fir-residenza ta’ l-imputat. Wara tahbit fejn hadd ma fethilhom, giet skondtu l-partner ta’ missieru li nfurmathom, ghax giet hekk mistoqsija, li l-imputat, ghalkemm qabel kien id-dar, issa ma kienx jinstab hemm. Pero rrizulta li Michael Mifsud wasal id-dar x’hin kien hemm il-pulizija. L-Ispettur xehed illi fuq wiccu kellu black eye, cioe’ tbengila f’ghajnejh. Instabu ghand l-imputat zewg skratac u zewg snieter.

PS 180 Fabian Aquilina xehed ukoll dwar il-fatt illi hu mar fir-residenza ta’ Michael Mifsud biex jarrestaw lill-imputat, dan wara l-incident ta’ l-isparaturi. Ikkonferma li Mifsud kellu black eye. Ezebixxa sensiela u numri ta’ skratac tad-ditta B&P, tad-ditta Armusa, tad-ditta RC3, u ohrajn tad-ditta RC4, u ohrajn ta’ ditta li ma kienx jiftakar. Dawn gew elevati minn ghelieqi u garaxxijiet li skondtu, ghalihom l-imputat kellu access (Dok TA)

PC 1384 xehed ukoll dwar l-insegwiment li ppartecipa hu fih, bil-karozza segwita anke ssuq wrong way. Xehed dan illi fil-fatt originarjament din il-karozza semplicement kienu ddecidew li jwaqqfuha meta kienu hdejn il-lights tas-Super One. Minflok din il-vettura waqfet kif gie lilha ndikat, kif il-pulizija xeghlu l-beacon lights, aktar accellerat. Waqt l-

insegwiment xehed illi anke spiccaw nizlu lejn Ghajn Dwieli u kien hemm li huma raw dahna u gew infurmati mill-ewwel vettura tal-pulizija, ukoll involuta fl-istess operazzjoni, illi l-vettura segwita kienet habtet. Ra li kienu habtu go Punto. Minn gol-karozza segwita ra konfuzjoni kbira, u tnejn jaharbu jigru minnha. Hu gera wara dak li kellu l-arma f'idu. Anke spara warning shots. Xehed li l-malviventi li kien liebes balaklava beda jigbed aktar 'l isfel. Ikkonferma li waqt l-insegwiment hu ra arma, anzi raha kif ezatt hargu mill-karozza l-malviventi. Iddeskriva l-arma bhala senter isserrat. Ikkonferma li lejh gie sparat tir, pero din il-persuna li sparat lejh, hu qatt ma ra wiccha (folio 229). Ikkonferma li ghalkemm hu spara warning shots, dawn sparahom fl-ajru. Qal illi ghalkemm it-tir sparat lejh ma laqatx lilu, laqat kamra li hu mar jistahba warajha, dan gewwa Ghajn Dwieli.

Xehed in kontro ezami li l-malviventi li kien qieghed isegwi, hares lura, u mat-tieni darba li hares, refa' s-senter, dar, u spara tir. Zied anzi li dar fuqu, lejh, u hawn ra n-nar hiereg minn gol-kanna fid-direzzjoni tieghu (folio 774). Zied illi hu hawn stahba wara kamra dejjem f'Ghajn Dwieli, kif appena ra lill-malviventi ser jaqbez gol-wied, dan dar u rega' pponta l-arma ghal fuqu. Qal ukoll illi l-gholi tat-tir kien circa tliet piedi.

Gew ukoll ezebiti rapporti mehuda dwar serqa tal-vettura Citroen Berlingo bin-numru tar-registrazzjoni EQZ018 minn PS 860. Dan ir-rapport sar minn Carmel Curmi (folio 450). Rapport iehor ezebit minn PS 1439 John Tabone, ezebixxa rapport mehud dwar pjanci ta' vettura neqsin, HBA592, maghmul dan minn Dennis Farrugia, minn fuq il-vettura Peugeot Partner, folio 460.

Ghalhekk xehed ukoll certu Dennis Farrugia dwar il-van tieghu Peugeot Partner. Xehed illi minn fuq dan insterqulu l-plates tar-registrazzjoni bin-numru HBA592.

Karen Mifsud xehdet dwar l-incident stradali nnifsu. Qalet illi hi kienet fil-karozza misjuqa mill-habiba taghha gewwa Ghajn Dwieli, u harget karozza ghal fuqhom minn go side street. Taf li bid-daqqa li hadu l-karozza daret bil-kontra.

Ikkonfermat illi l-habiba taghha wegghet sew. Rat lill-pulizija tal-Mobile jigru.

Dwar il-griehi sofferti mill-istess Karen Muscat xehed ghalhekk Dr Mark Andrew Delicata li kkonferma li l-griehi taghha kienu slight save complications (folio 546 – 547).

Minn naha taghha Dr Joanna Pace xehdet dwar il-griehi sofferti minn Rowena D'Amico, dwar is-sutturi li kellha bzonn fuq il-forehead. Iddeskriviet l-istess bhala grievous, Dok JP folio 551.

PS 871 Duncan Micallef xehed dwar il-fatt illi l-imputat ma kellu ebda arma tan-nar registrata fuq ismu.

WPC 15 Caroline Camilleri xehdet dwar arma bin-numru ta' serje 157911, ghamla Breda, din kienet registrata fuq certu Nazzarenu Cachia. L-arma kienet immarkata bhala misruqa, Dok CC folio 498 – 499.

Minn naha tieghu PS 76 Carmel Cassar ezebixxa kemm ir-rapport kif ukoll l-sketch tal-habta bejn il-vettura ta' D'Amico u Citroen Berlingo (folio 565).

Ghandu jinghad ukoll illi minhabba certi divergenzi li bdew jinqalghu dak iz-zmien bejn xi whud mill-esperti forensici, u kif kienu qed jinzammu l-ezebiti tal-Qorti, xehdet certa Pace li spjegat li gewwa l-Laboratorju Cynergene Lab, l-espert tal-Qorti Dr Nina Pirenen biss kellha access ghall-ezebiti tal-Qorti li kienu allura mizmuma f'area partikolari appozita. Spjegat ukoll illi dawn l-ezebiti jinzammu go freezers appoziti.

Minhabba dejjem il-problema tal-accreditation u n-necessita' li jsiru ezamijiet ta' DNA, u wara li l-Qorti regghet semghet lil Claudio Boffa, jixhed li dak iz-zmien f'Malta ma kien hemm ebda laboratorju akkreditat biex jaghmel ezamijiet tad-DNA, allura lanqas is-Cynergene, din il-Qorti allura ghaddiet biex tinnomina ghal dan l-iskop lil Dr Mario Scerri biex jiehu l-buccal swabs ta' l-imputat, u flimkien mal-hwejjeg gia' migbura isir l-ezami komparattiv f'laboratorju esteru (folio 643 – 645). Ghal dan l-iskop gie

mahtur il-Laboratorju LGC Forensics, Teddington Road, Londra. Dr James Walker ta' l-istess laboroatorju, gie nominat biex jaghmel l-ezamijiet ghal dan l-iskop (digriet folio 662).

Ghandu jinghad f'dan l-istadju, a skans ta' ekwivoci, illi ghalhekk kien hemm ezebiti li kienu allura qed jinzammu taht il-kontroll ta' Dr Nina Pirenen, mentri il-buccal swab li Dr Mario Scerri, b'ordni ta' din il-Qorti, kien ha lill-imputat baqghu bl-ordni ta' din il-Qorti mizmumin taht il-kustodja tieghu. Aktar tard, fuq ordni ta' din il-Qorti, Robert Cardona rritorna wkoll l-ezebiti balaklavi u oral swabs, zewg brieret, airbag fost ohrajn, li baqghu mizmuma ghandu bhala serologista nominat fl-Inkjesta, taht il-kustodja tieghu. Xehed illi dawn kienu mizmuma gol-Laboratorju Nazzjonali, maghluqin taht il-kustodja tieghu fil-Laboratorju tas-Serologija, li ghalih hu biss kellu access.

Aktar tard Dr Mario Scerri xehed dwar l-inkarigu tieghu gewwa LGC Forensics gewwa Londra, fejn hemm iltaqa' ma' Dr James Walker. Tah il-balaklava in kwantu ghall-ezamijiet ta' secretions li jithallew mal-area tal-halq, allura minn fuqhom tista' tittiehed DNA. Dr Mario Scerri nterpreta ghalhekk ir-rizultati li gab mieghu minn Londra. Dawn l-ezamijiet saru, wiehed irid jiftakar, fuq il-buccal swabs li l-istess Dr Mario Scerri ha fuq ordni ta' din il-Qorti minghand l-imputat u l-balaklava in partikolari fost ezebiti elevati u mizmuma. Ma saru ebda ezamijiet fuq ezebiti mizmuma minn Dr Pirenen, stante li n-nomina taghha fl-Inkjesta kienet wahda dubjuza.

Ghalhekk fix-xhieda tieghu Dr Scerri rritjena dak li kkonkluda Dr James Jan Hubert Walker ta' laboratorju esteru, u cioe':

*"My opinion as to the strength of the DNA evidence is provided here for the benefit of the Prosecution and Defense. In the event of a not guilty plea, all the words within these square brackets should be deleted from my statemtn to avoid contravening the Court of Appeal ruling in Doheny (1997).*

*I have expressed the strength of my conclusion using the following scale of scientific support: no support, weak, moderate, moderately strong, strong, very strong, and extremely strong.*

*In my opinion these findings provide* ***extremely strong scientific*** *support for the assertion that DNA recovered from the balaclava, item 06BGP JM201, originated from Michael Mifsud rather than another person who is unrelated to him."*

L-Ispizjar Mario Mifsud, ukoll espert nominat, ezebixxa r-relazzjoni tieghu fil-konfront tal-GSR swabs elevati minn fuq il-persuna ta' l-imputat skond l-esperti appozitament nominati (PS 881 Charles Grech, Dok CG folio 143). Ikkonkluda fir-relazzjoni tieghu, Dok MM folio 716 – 755, b'dan il-mod:

*a. Illi nstabu particella wahda unika u zewg particelli indikattivi (01-SbBaPb, 01 – SbBa u 01 – SbPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' garza u stubs, li allegatament gew mehuda minn fuq il-persuna ta' Michael Mifsud u li kienu fid-dokumenti 21/08/01;*

*b. Li nstabu hames particelli unici u ghoxrin particella indikattiva )05 – SbBaPb, 01 – SbBa, 03 – SbPb, u 16 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' stubs minn fuq speci ta' qmis li kien hemm fid-dokument 212/08/02;*

*c. Li nstabu hames particelli unici u erbgha u hamsin particella ndikattiva (05 – SbBaPb, 17 – SbPb, u 05 – BaPb) ta' gun shot residues fuq swabs, mehuda permezz ta' swabs minn fuq qalziet li kien hemm fid-dokument 212/08/03.*

Xehed ukoll il-Perit Alexei Pace, ukoll mahtur fl-Inkjesta li rrediga pjanta dwar fejn gie kkunsmat dan l-incident. Ikkonstata wkoll il-Perit fejn kien hemm u gew elevati diversi empty casings ta' skratac.

Rat ukoll il-kumplament ta’ l-ewwel relazzjoni ta’ Dr Mario Scerri,fejn apparti l-griehi kif gia’ msemmi ta’ Rowena D’Amico, huwa rrelata wkoll (barra fuq terz mhux parti minn din il-kawza), anke dwar il-griehi li gew ikkonstatati fuq il-persuna ta’ l-imputat. Ghandu jingahd ukoll illi Dr Mario Scerri ezamina lill-pazjenti sieghat wara l-incident, fil-fatt fl-istess gurnata ta’ l-incident in dezamina. Fuq il-griehi sofferti mill-imputat xehed illi Mifsud kellu hematoma friska taht ghajnejh il-leminija kompatibbli ma’ blunt trauma. Ikklassifika l-istess bhala lezjoni ta’ natura hafifa. Tbengila ohra li giet ikkonstatata fuq il-persuna ta’ l-imputat kienet tbengila fuq l-ispalla leminija ta’ Mifsud. Dr Mario Scerri qal illi din kienet friska u li setghet kienet wahda kompatibbli ma’ blunt trauma.

Espert iehor nominat fl-Inkjesta kien Philip Zammit li fil-fatt ezamina l-vetturi nvoluti f’dan l-incident. Dwar il-hsara li garrbet il-vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni ROW682, ikkonkluda li din kellha hsara ammontanti ghal Lm760.00, bil-parts approssimament jiswew Lm3,000.00, ghalhekk qal illi l-vettura ma kinitx aktar ekonomikament vjabbli. L-istess ikkonkluda fuq il-van Citroen Berlingo, stante li biex jigi rrangat dan wara l-incident, l-ispejjez kienu ser jissuperaw il-valur attwali ta’ l-istess vettura.

Ezebew ukoll ir-relazzjonijiet taghhom l-ufficjali tal-pulizija addetti mal-Laboratorju Forensici PS 171 Karl Glenville, PS 1147 A Fenech, PS 881 Charles Grech, PS 659 Jeffrey Hughes, PS 1336, PC 1525 Patrick Farrugia.

Giet ezebita wkoll ir-relazzjoni ta’ l-esperti ballistici, il-Brigadier Maurice Calleja u PS 154 Jesmond Cassar (folio 230). Dawn ikkonkludew illi l-arma tan-nar tal-marxka Breda, senter, li nstabet vicin l-incident f’Ghajn Dwieli, hdejn balaklava, kienet l-istess arma tan-nar li giet uzata biex gie sparat tir wiehed lejn hajt (folio 140). Ikkonkludew illi dan it-tir kien sparat, laqghat zbrixx hajt u wara ma’ faccata ta’ cangun li kien mal-art, it-tir kien sparat mill-vicin ta’ fejn laqat bejn wiehed u iehor id-distanza ta’ tminn metri (folio 141).

Fir-rigward ta’ l-impronti digitali, migbura minn PS 171 Karl Glenville u PS 1147, dawn gew ezebiti bhala Dok AF folio 237 – 288 (inkluz faxxikolu bir-ritratti). Kien fuq dawn li l-espert ta’ l-impronti digitali Jospeh Mallia fil-fatt hadem l-ezami komparattiv bejn dawn l-istess impronti digitali, u dawk ta’ l-imputat. Ikkonkluda ghalhekk is-Sur Mallia li l-impronta digitali li tidher fuq il-lifter 06BG(rect B)301, allura lifter elevat minn fuq in-naha ta’ barra tal-bieba tal-passiggier [Dok AF, folio 244], giet identifikata mal-marka tas-saba l-werrej ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-imputat.

L-istess espert Mallia ghamel referenza wkoll ghar-relazzjoni ezebita minn PS 659 Jeffrey Hughes (ezebita bhala Dok JH). Dan l-espert ghamel referenza fir-relazzjoni tieghu ghad-dokument 06BGP212C, li gew mghoddija lilu minn PS 1147 Antoine Fenech (folio 156). Harsa lejn ir-relazzjoni tas-Surgent Fenech (dejjem bhala SOCO), turi li dan id-dokument gie elevat mill-vettura Citroen Berlingo. Issa dan id-dokument kontenenti borza tal-plastic, dejjem misjuba gewwa l-Berlingo, ukoll kellu mpronta digitali fuqu, li skond il-konkluzjonijiet ta’ Joseph Mallia kienet ikkomparata u identifikata mal-marka tas-saba l-werrej ta’ l-id il-leminija ta’ Michael Mifsud.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser tghaddi biex titratta mar-rizultanzi li xehed fuqhom Dr Mario Scerri. Ma tistax pero qabel dan, ma tikkummentax din il-Qorti fuq id-disordni totali li sabet u rriskontrat finche’ jitratta ma’ dak li kien il-Laboratorju Forensiku ta’ dak iz-zmien, laboratorji u esperti mhux akkreditati, u esperti xejn affidabbli fejn si tratta ta’ ezebiti elevati fl-Inkjesta, sahansitra esperti mhux nominati fl-istess. Kien dan li wassal lil din il-Qorti biex tibghat il-buccal swabs u l-balaklava elevati f’laboratorju esteru, piz dan zejjed fuq l-erarju pubbliku. Ir-rizultat kien, kif dejjem irriteniet il-Prosekuzzjoni, li din il-balaklava (cioe’ s-saliva fuqha) kellha l-istess DNA ta’ l-imputat. Hawn pero falliet il-Prosekuzzjoni billi prova daqstant soda ma ssostanzjathiex b’dak il-piz probatorju li trid il-Ligi.

Certament, u din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju, fl-integrita' tieghu, Dr Mario Scerri traduca r-rizultanzi li wasal ghalihom Dr James Ian Hubert Walker. Pero tibqa' meraviljata din il-Qorti ghala l-Prosekuzzjoni, qabel ma hareg l-Artikoli, ma talabx li dak konkluz mill-espert barrani, ma jigix hekk konfermat almenu tramite Ittri Rogatorji, la ma ngabx hu stess, anke b'hekk id-Difiza kienet tinghata d-dritt sagrosant taghha ta' l-ezami ta' dan l-espert.

Issa, bhala fatti jirrizultaw zgur li karozza Citreon Berlingo giet misruqa, li fuqha kellha wkoll plates misruqa, kienet involuta f'habta ma' vettura ohra Fiat Punto misjuqa minn Rowena d'Amico gewwa Ghajn Dwieli. Il-vettura f'din il-habta sofriet danni konsiderevoli. Sofriet ukoll griehi ta' natura gravi (sfregju) s-sewwieqa. Il-passiggiera Muscat sofriet griehi ta' natura hafifa. Is-Citreon fil-fatt kienet qabel il-habta gia' nvoluta f'chase mal-pulizija. Ghalhekk mal-habta, fejn allura l-vetturi mahbuta waqfu, mis-Citreon hargu skond ix-xhieda, zewg persuni li kienu lebsin balaklavi. Is-sewwieq u l-passiggier ta' l-istess Citreon ghalhekk telqu jigru segwiti mill-pulizija. Il-pulizija rnexxielha taqbad wiehed mill-malviventi, l-iehor baqa' jigi segwit u anke spara tir ta' arma tan-nar lejn pulizija li kien qieghed isegwieh.

Irrizulta wkoll illi fuq informazzjoni anonima, il-pulizija marru ghand l-imputat. Dan wasal id-dar xi hin wara li l-pulizija kienu hemm, f'wiccu kellu black eye, gie stabbilit illi kienet kompatibbli ma' blunt injury.

Irrizulta wkoll illi waqt ic-chase tat-tieni malvivent, wara nstabet ukoll arma tan-nar tal-marka Breda li gia' gie stabbilit illi kienet misruqa, u balaklava.

Irrizulta wkoll illi fuq l-imputat li ngabar hin wara l-incident de quo, u gie arrestat, minn fuqu ttiehdu GSR swabs li taw rizultat fil-pozittiv.

Irrizulta wkoll illi s-senter li nstab hdejn il-balaklava kien l-istess senter li ntuza biex gie sparat tir lejn il-pulizija, pero laqghat il-hajt.

Irrizulta wkoll illi Mifsud halla zewg impronti digitali, wahda fuq barra tal-karozza, u l-ohra fuq borza tal-plastic li nstabet gewwa s-Citreon.

Ikkonstatati dawn il-fatti, ghandu jigi wkoll ikkunsidrat illi ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ma tistax taghti ebda valur probatorju la lir-relazzjoni ta' Dr Nina Pirenen, u lanqas dik ta' l-espert barrani Dr Walker. Lanqas ma tista' tinghata ebda valur probatorju l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, in kwantu din giet hekk rilaxxata bla dritt ta' assistenza legali.

Ikkunsidrat:

Il-provi cirkostanzjali juru bic-car illi certament l-imputat kien xi hin fil-vettura Citreon in kwantu ghall-impronta misjuba **fuq gewwa tal-vettura (enfasi tal-Qorti)**. Ma setax kien il-malvivent li gia' maqbud, ghax dan kien diga' gie identifikat. Mill-vettura hargu tnejn minn nies mghammda. Wiehed hareg, harab, u spara lejn il-pulizija!! Wiehed irid jiftakar ukoll illi din is-Citreon ma kienet ta' ebda wiehed mill-malviventi ghax din kienet misruqa.

Dan kollu ghandu jinghad ukoll maghdud mal-fatt illi l-imputat ingabar ftit wara l-incident u fuqu nstabu gun shop residues, kif ukoll mal-fatt li l-imputat sofra griehi li ghalkemm ta' natura hafifa, kienu kompatibbli ma' blunt injury (tfakkar il-Qorti li l-karozza li minnha hargu l-malvivmenti tant sofriet daqqa kbira fl-incident li spiccat total loss, vide relazzjoni ta' Joseph Zammit).

Ghal din il-Qorti, dawn il-fatturi u r-rizultanzi xjentifici jorbtu bla dubju ta' xejn lill-imputat mal-vettura Citreon Berlingo, allura mal-habta ta' l-istess u mal-isparatura lejn il-pulizija.

Ticcita hawn il-Qorti lil Blackstone dwar '*circumstantial evidence':*

*"Pullock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several ends said:*

*One strand of the cord might be insufficient to sustain the wieght, but three stranded together may be quite sufficient strength." (page 2280, folio 16, Blackstone Criminal Procedure 2008).*

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli addebitati, issib lil Michael Mifsud hati tal-Artikoli 41, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 26(a), 2, 3, 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; 24(2), 33(1), 29 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi lilu addebitati in kwantu ma jirrizultawx dawk ta' serq, ricettazzjoni, u hsara volontarja, kif ukoll ta' offiza nvolontarja fuq il-persuna, taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn tal-ahhar in vista' tal-fatt illi mhux car min kien qieghed isuq il-vettura Berlingo, u konsegwentement anke dawk prospettati taht il-Kapitolu 65 u l-Kapitolu 104, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali tal-imputat, dik aggornata, qieset illi l-imputat sahansitra wasal biex spara lejn ufficjal tal-pulizija, tqis ghalhekk li huwa ghandu jehel piena ta' prigunerija effettiva ta' 3 snin,u dan anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ghal multa ta' €3,000;
Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €3,818.14.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------